FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MICALLEF TRIGONA LL.D, MAG. JURIS (EU LAW)**
**MAGISTRAT**

Illum 18 ta' Gunju 2001.

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Caruana)
vs
Joseph Duca u Ernest Briffa

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputati Joseph Duca ta' 23 sena bin Emanuel u Mary Grace née Mifsud, imwieled Zejtun u residenti 25, Triq il-Kappar, Zabbar, titolari ta' karta ta' identita` 334276(M), u,

Ernest Briffa ta' 21 sena bin Joseph Mary u Veneranda née Polidano, mwieled H'Attard u residenti 224A, Trig is-Santwarju, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita` 120279(M), akkuzati talli:

1. f'Hal-Tarxien fis-6 ta' Lulju 2000 ghal habta tal-10.45 ta' fil-ghodu kkommettew serq ta' somma flus li tammonta ghal madwar mitejn lira Maltin (Lm200) mill-fond 'Theresa Jo Pharmacy' sitwat Hal-Tarxien, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' Francesco Portelli, anzjan ta' eta` ta' aktar minn 65 sena;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-Francesco Portelli, anzjan ta' aktar minn 65 sena kontra l-volonta` tieghu;

3. fis-6 ta' Lulju 2000 f'dawn il-gzejjer u fiz-zminijiet ta' wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhom jew imexxihom;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li ghamlu d-delitt ta' serq kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huma zammew u garrew arma (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fis-6 ta' Lulju 2000 u fix-xahar ta' qabel din id-data kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanufatturaw jew ikollhom d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga imsemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jippruvaw li d-droga imsemmija giet fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939

dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Kontra Ernest Briffa wahdu talli:**

7. fis-6 ta' Lulju 2000 u fil-granet ta' qabel, f'Hal Tarxien u f'diversi lokalitajiet f'Malta, saq vettura ta' l-ghamla 'Piaggio' bin-numru ta' registrazzjoni IAH-383 minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' kundanna l-imsemmi Ernest Briffa jigi skwalifikat milli jkollu jew igib licenjza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn sena;

8. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta' Marzu 1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali fejn baghat lura l-atti quddiem dina l-Qorti billi deherlu li mill-kumpilazzjoni setghet tinstab htija fl-imputat taht l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati b'dan illi dina l-Qorti tiddeciedi fuq l-akkuzi f'nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-istess imputat izda li qabel tisma' kull prova tal-prosekuzzjoni;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a bazi ta' l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 31 tal-Kap 101 li jibghat lill-imputat Ernest Briffa quddiem din il-Qorti biex jirrispondi l-akkuza ghal ksur tal-provedimenti kontra din l-Ordinanza;

Semghet l-ufficjal prosekutur jiddikjara li ma kellu ebda provi ohra x'jipproduci;

Semghet l-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti u semghet l-ammissjoni taghhom;
Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Ir-rinviju tal-Avukat Generali jakkuza l-imputati bir-reat ta' serq kontra persuna anzjana, ta' dhul illegali fi proprjeta` u ta' ricettazzjoni. Huma wkoll akkuzati b'garr ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-pulizija u offizi ohra kontra l-Ordinanza dwar l-Armi. L-imputat Ernest Briffa huwa apparti akkuzat bir-recidiva.

L-imputati ammettew ghar-reati <u>kollha</u> fl-udjenza tal-lum u dan inkondizzjonatament. L-ammissjoni taghhom saret wkoll volontarjament. Din il-Qorti tara wkoll illi mill-istqarrija rispettiva minnhom rilaxxjata l-akkuzi ghal dak li jirrigwarda s-serqa u l-abbuz tas-sustanza eroina jinsabu ben pruvati. L-akkuza ta' serq f'dan il-kaz tinnewtralizza dik tar-ricettazzjoni u mill-atti johrog esarientement car li l-arma uzata fis-serqa kienet tikkonsisti f'sikkina.

Illi mit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti l-kaz huwa wiehed klassiku fil-fehma taghha fejn l-imputati ghandhom jibbenefikaw minn ordni ta' 'probation' u din il-Qorti hekk behsieba taghmel.

Ghalhekk, fil-waqt li tiddikjara l-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti fir-rinviju ta' l-Avukat Generali kontra kull wiehed minnhom u rat fir-rigward l-Artikolu 261 (a) (b) (c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 226A, 279, 270, 329, 330 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 13 tal-Kap 66, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101, tiddeciedi li tpoggihom taht ordni ta' 'probation' ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 ghall-perijodu ta' tliet snin mill-lum u taht dawk il-kundizzjonijiet imfissra fl-ordni ta' 'probation' rispettiva ta' kull wiehed minnhom liema ordni ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza u oltre tikkundanna lill-imputat Ernest Briffa multa ta' Lm275.

M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ittraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Traskrittur.